MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 42/1993/1

Citazzjoni numru 42/1993

Mario u Rose konjugi Fenech

vs

Direttur tax-Xoghlijiet u Inginier inkarigat mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet ghal Ghawdex

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi jghidu:

Illi huma proprjetarji tad-dar bla numru jisimha “Marjosa” Saint Paul’s Fief Street, Santa Lucia, limiti ta’ Kercem, Ghawdex, konfinanti minn nofsinhar ma’ din it-triq, punent ma’ triq is-Santwarju Puniku, lvant ma’ Peter u John Sciberras;

Illi f’dawn l-ahhar xhur id-dipartiment tax-Xoghlijiet ghamel xoghol ta’ asfaltar tat-triq is-Santwarju Puniku permezz tal-haddiema tieghu;

Illi fil-kors ta’ dawn ix-xoghlijiet inkissret kanna tal-ilma illi kienet ghaddejja minn dik it-triq u per konsegwenza l-ilma illi hareg minnha ippenetra fil-fond u s-sottoswol tal-esponenti tali illi l-madum tal-art tieghu ttebba’ u anke tfaccaw xi konsenturi fil-fili tal-istess madum; u di piu’ l-faccata tal-fond tal-esponenti giet rovinata; kif ukoll inkissret il-bankina tal-fond tal-istess; oltre hsarat ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dawn il-hsarat kollha huma elenkati fic-certifikat rilaxxjat mill-Perit Guido Vella illi jinsab anness ma’ protest mibghut mill-esponenti lill-konvenuti precedentement, liema protest ilu illi gie notifikat lill-intimati aktar minn ghaxart ijiem tax-xoghol;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti naqsu illi jirriparaw l-hsarat minnhom kagunati;

TALBU ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghall-hsarat kagunati lill-atturi fil-fond taghhom “Marjosa” Triq Qasam San Pawl, Kercem, kif fuq spjegat;

2. tikkundannhom illi fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss jirriparaw il-hsarat hekk minnhom kagunati;

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jeffettwaw dawn ir-riparazzjonijiet huma stess spejjez taghom u dan taht id-direzzjoni ta’ perit nominand;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest fl-ismijiet premessi kontra l-konvenuti u bl-ingunzzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi huma jirrespingu l-allegazzjonijiet ta' l-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m'ghamlu xejn biex jirrekaw danni lill-atturi u dan kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. illi l-eccpjenti m'ghandhomx ibatu spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat ir-relazzjoni ta' l-abbli perit tekniku nominat;

Ikkunsidrat:

L-attur jilmenta minn hsarat sofferti minnu fil-fond tieghu jismu "Marjosa" fi Triq Qasam San Pawl, Santa Lucija, Kercem, li hu jattribwixxi ghat-tort u negligenza tal-konvenuti. Difatti, u dana l-konvenuti ma jikkontestawhx, il-hsara, kif ser tissemma' 'l quddiem, kienet fegget fil-kors ta' xoghol ta' riasfaltar tat-triq, jew aktar preciz, fi kliem l-Perit inkarigat mix-xoghlijiet, fil-kors li kien qieghed isir il-'weaving course' tat-triq imsemmija. Dwar il-hsarat jidher li ma hemmx kontestazzjoni li kienu jikkonsistu:- filli ttebbat l-faccata tal-fond tal-attur b'tikkek tal-qatran b'rizultat tax-xoghlijiet li kienu saru; li ttebba' l-madum ta' l-intrata fil-fond in kwistjoni konsegwenza li nkissret kanna tal-ilma li dahal taht il-fond; li nkisret l-bankina biswit il-fond.

Illi dwar l-ahhar ilment hemm qbil li l-bankina kienet ripristinata mill-Kunsil Lokali u f'kull kaz ghalhekk l-ilment m'ghadux ireggi *dato ma non concesso* jekk l-attur kellux dritt ta' azzjoni fir-rigward. Dwar iz-zewg ilmenti l-ohra l-

Perit Tekniku nominat josserva, fil-parti saljenti tar-relazzjoni tieghu (folio 60 u 61), li: “mix-xhieda li nghatat hemm qbil bejn il-partijiet li l-hsara li saret fuq il-proprjeta’ fil-forma tal-qtar tal-qatran, saret per konsegwenza tax-xoghlijiet li kienu qed isiru meta kien qed jinghata l-wicc tal-qatran…l-unika haga li m’hemmx qbil unanimu dwarha hija l-modalita’ ezatta ta’ l-incident – pero’ dan ma jaffettwax il-fatt li l-atturi sofrew hsara meta saru x-xoghlijiet u zgur mhux li l-atturi m’ghandhom l-ebda responsabbilita’ ghaliex sehhet din il-hsara … ihoss illi ghandha tinbarax il-faccata kollha fil-livell ta’ madwar tlieta jew erba’ filati ‘l fuq mill-bankina u mhux fejn hemm it-tikkek biss sabiex ma jkunx hemm dehra mlaqta’ tal-parti t’isfel tal-faccata … imbaghad irid jinghata sealer sabiex il-faccata terga’ tigi protetta;  rigward il-hsara fil-madum … huwa probabbli (sottolinjar tal-Qorti) li din saret ukoll minhabba li nxtorbot kwantita’ kbira ta’ ilma taht il-post tal-attur meta nfaqghet il-kanna ta’ l-ilma waqt ix-xoghlijiet…dan hu ppruvat iktar mill-fatt li nfethu l-fili milli mit-tbajja nfushom, ghaliex biex infethu l-fili bilfors illi s-sottoswol tal-post, kwazi mat-tul kollu li huwa mibni fuqu, kien soggett ghal hafna tixrib minn taht, tant li wassal biex iddestabilixxa lill-madum li tharrek per konsegwenza … li anke tharrek vertikalment ghaliex ix-xfar tieghu ma humiex ezatt ma’ xulxin fejn infethu l-fili”.

Issa ma jidhirx li l-konvenut, id-Direttur tax-Xoghlijiet, qed jikkontesta li x-xoghol kien intrapriz minnhu u kien taht r-responsabilita’ tieghu, b’daqstant li, qua il-kuntrattur, assuma r-responsabilita’ ta’ kull att ta’ l-impjegati tieghu (artikolu 1624 Kodici Civili), li jirrizulta mill-atti, esegwew ix-xoghlijiet in kwistjoni.   La darba, ghalhekk, jirrizulta n-ness ta’ kawzalita’ bejn l-att dannuz u l-hsara, kif ikkonkluda l-Perit Tekniku nominat, hu d-Direttur tax-Xoghlijiet li ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara sofferta mill-atturi. M’hemm xejn mill-provi li jindika li l-konvenut l-iehor, cioe l-Inginier Inkarigat mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, jista’ b’xi mod jinstab ukoll responsabbli.

Tiddeciedi ghalhekk billi:

1. tiddikjara responsabbli ghall-hsarat ikkagunati lill-atturi fil-fond taghhom “Marjosa”, Triq Qasam San Pawl, Kercem, lill-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet;

2. tikkundanna lill-istess Direttur tax-Xoghlijiet illi fi zmien tliet xhur mil-lum jirripara l-hsara kagunata lill-atturi u dan taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Arkitett Edward Scerri li qieghed jigi nominat mill-gdid ghal dan il-fini;

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jeffettaw dawn ir-riparazzjonijiet huma stess a spejjez tad-Direttur tax-Xoghlijiet u taht d-direzzjoni u sorveljanza ta’ l-istess Perit Arkitett Edward Scerri.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut Direttur tax-Xoghlijiet fl-intier taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------